**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 424/ 2018**

**Il-Pulizija**

**Spettur Vella Jurgen**

**Vs**

**Micallef Emanuel**

**Illum is-27 ta' Novembru, 2020**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Emanuel Micallef detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 565849(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar il-21 t'Ottubru, 2015 għall-ħabta ta' 6:50 hrs ġewwa Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar, waqt li kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni KQZ 064;

1) B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura ġravi fuq il-persuna ta' Yodit Mebrahtu Gebre-Eyesus skond kif iċċertifika Dr. Jonathan Żammit M.D. mill-M.D.H.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Novembru, 2018 li wara li rat artikoli 30 u 226(1)(a) u (b) tal-Kaptiolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-akkuża dedotta kontra tiegħu u kkundannatu għal multa ta' elf u mitejn Ewro (EUR 1,200) u għal tlett (3) xhur sospensjoni tal-liċenzji kollha tas-sewqan.

In oltre l-Qorti ordnat lill-ħati jħallas l-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema spejjeż jammontaw għas-somma ta' elf seba' mija u disgħa u erbgħin Ewro u erbatax il-ċenteżmu (EUR 1,749.14c) li għandhom jitħallsu fi żmien tlett xhur b'dan li jekk il-ħati jonqos li jħallas dan l-ammont jew parti minnu fiż-żmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skond ir-rati applikabbli ai termini tal-liġi.

Rat ir-rikors tal-appellant Emanuel Micallef, ppreżentat fit-28 ta' Novembru, 2018, fejn talab lill-Qorti thassar u tikkancella s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali fit-12 ta' Novembru 2018 u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija, u fin-nuqqas, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u tirriformaha billi tipprovdi għall-piena aktar miti u idonea fiċ-ċirkostanzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-appell minnu intentat l-appellant qed jikkontendi illi hu ma kellux jitqies responsabbli ghall-inċident stradali mertu ta' dawn il-proceduri, liema incident fil-fehma tieghu ġie kkaġunat unikament minħabba n-negliġenza tal-*pedestrian* illi ntlaqghtet mill-vettura tiegħu meta' din qasmet avventatament b'dan illi huwa gie impedut milli jiehu kwalsiasi azzjoni evasiva tempestiva. Jisħaqq ukoll illi l-Qorti straħet fuq supposizzjonijiet li ma kienux sorretti mill-provi u dan billi kien jirrizulta illi t-triq fejn sehh l-

incident kienet mudlama u d-dwal tal-Gvern kien mitfi tant ghalhekk illi mhuwiex minnu illi, kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, kien hemm viżibilità tajba u li l-appellant seta' faċilment jipprevedi l-inċident billi jara lill-vittma. Jikkritika l-appellant r-rapporti ta'l-esperti maħtura u r-ritratti li ttieħdu billi dawn kollha jirreferu ghal hin twil wara li kien sehh l-inċident fejn għaldaqstant dak li kkonkludew dawn l-esperti mhuwiex affidabbli aktar u aktar fid-dawl tal-fatt li meta l-*parte ċivile* ġiet mitkellma mill-espert Buttigieg hi ma ftakret xejn dwar dak li kien sehh fl-inċident.

Ikkunsidrat:

Illi qabel kull konsiderazzjoni marbuta mal-mertu ta' dan l-appell, il-Qorti tosserva illi ghalkemm bl-artikolu 656 tal-Kodici Kriminali hija mhijiex marbuta li toqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-persważjoni tagħha, madanakollu:

> **Huwa ben risaput illi f'materja ta' prova peritali, l-insenjament ġurisprudenzjali huwa fis-sens li, għalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-ġudikant bħal kull prova oħra u li l-Qorti mhijiex tenuta li taddotta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni tagħha, jibqa l-fatt li l-Qorti m'għandiex tiskarta l-konklużjonijiet tal-esperti tekniċi, speċjalment fuq materja purament teknika, b'mod leġġer jew kapriċċjuz, u kwalsiasi ġudizzju li jmur kontra l-konklużjonijiet peritali għandu jkun motivat sewwa.** [1]

Illi allura l-konkluzjonijiet tal-esperti nominati fl-*in genere* ma jistghux jigu skartati mill-Qorti unikament ghar-raguni illi dawn l-esperti accedew fuq il-post hin wara li sehh l-incident meta allura kien lahaq sebah, kif jilmenta l-appellant, u dan ghaliex il-kostatazzjonijiet li saru mill-provi indizzjarji li gew migbura minn fuq ix-xena setghu jigu analizzati ahjar fid-dawl meta setghu jkunu aktar vizibbli. *Di piu'* il-konsiderazzjonijiet maghmula bil-pjanti u qisien, ezami tad-danni u fatturi ohra li setghu jigu osservati fuq il-lok tal-incident flimkien ma' kalkolazzjonijiet ohra jitfghu dawl fuq il-mod kif

---

[1] Roseanne Galea u John David Galea vs L-Avukat Ġenerali u L-Kummissarju tal-Pulizija, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Frar 2017 (rikors nru. 30/15MCH).

sehh dan is-sinistru stradali, iktar u iktar fid-dawl tal-provi skarni li hemm fl-atti fejn l-unika prova determinanti tinsab fil-*proces verbal* redatt mill-Magistrat Inkwirenti u tal-evidenza migbura mill-esperti hemmhekk mahtura. Dan qed jigi rilevat billi quddiem l-Ewwel Qorti l-ebda wiehed mill-protagonisti involuti f'dan l-incident ma ddeponew, bil-Qorti allura trid tistrieh unikament fuq dak mistqarr minnhom lill-espert tekniku nominat fl-*in genere* Dr. Mario Buttigieg, liema xiehda ma titfa' kwazi ebda dawl fuq id-dinamika tal-incident, bil-vittma ma tiftakar xejn u l-appellant jixhed minghajr ma jaghti ebda dettall dwar dak li sehh qabel l-impatt ghajr ghal fatt li jghid li ra dell quddiemu u sehh l-investiment.

Illi esposti dawn il-fatti probatorji jinghad illi l-aggravvji mqanqla mill-appellant huma marbuta essenzjalment mal-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemHa. Illi l-Qorti ghalhekk ezaminat l-atti processwali u dan sabiex fis-setgha moghtija lilHa bil-ligi, issa fi stadju ta' revizjoni, tqies unikament jekk dan l-apprezzament hekk maghmul kienx wiehed legalment u ragjonevolment siewi.

Illi s-sinistru stradali mertu ta' dawn il-proceduri seħħ ġewwa Triq il-Qawra fid-direzzjoni lejn San Pawl Il-Baħar, quddiem il-Qawra Palace Hotel għall-ħabta tas-sebgha neqsin ghaxra ta' fil-ghodu (6:50am), f'liema ħin, jikkontendi l-appellant kien għadu dlam. L-appellant kien qed isuq il-vettura tal-għamla "Peugeot Partner" bin-numru ta' reġistrazzjoni KQZ064 fid-direzzjoni lejn San Pawl il-Baħar b'veloċita' ta' madwar hamsa u hamsin (55) kilometru fis-siegħa. Meta l-pulizija wasslu fuq il-post Yodit Mebrahtu Gebre-Eyesus kienet għada mixħuta fuq in-naħa xellugija tat-triq u kienet qed tingħata l-ewwel assistenza minn xi sokkorituri. Irriżulta sussegwentement illi Eyesus kienet subiet ġrieħi gravi tant illi inizjalment kienet fil-periklu li titlef ħajjitha.

Meta l-appellant ġie mitkellem huwa saħaq illi hu ma rax lill-vittma qabel l-impatt. Jimmensjona biss li kien ra qisu dell u f'daqqa waħda sab lil Eyesus quddiemu ħabta u sabta u ma setax jevita' l-investiment. Hu jgħid ukoll illi

d-dawl tal-Gvern kien mitfi ghalkemm dan huwa kontradett mill-pulizija li marru fuq il-post fejn fir-rapport minnhom imhejji jindikaw li d-dwal tat-triq kienu mixgħulin.[2] Il-vettura tal-appellant halliet *brake marks* tul ta' madwar hames metri.

**Ikkunsidrat:**

Illi, kif inghad, il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ u b'mod ewlieni ħadet qies tal-kontenut tar-rapporti peritali u tal-konkluzjonijiet hemmhekk milhuqa, partikolarment dawk tal-Perit Arkitett Robert Musumeci li rrediġa pjanta tax-xena tal-impatt u dak tal-espert tekniku/legali Dr. Mario Buttigieg, fejn dan ta' l-aħħar kellu anki l-opportunita' illi jisma bil-ġurament id-depożizzjonijiet kemm tal-appellant kif ukoll tal-parte ċivile.

Jibda biex jingħad illi l-ġrieħi sofferti mill-vittma kienu serji sal-punt illi hi kienet tinstab fi periklu tal-mewt u filfatt lanqas biss kienet f'qagħda tikkomunika mal-pulizija fl-istadju inizjali tal-investigazzjoni. Ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni dwar in-natura tal-ġrieħi sofferti bħalma lanqas hu kkontestat illi l-appellant laqghat lil Eyesus filwaqt li din kienet qed taqsam it-triq.

Illi huwa pacifiku u dan anke kif imfassal kopjozament fit-taghlim gurisprudenzjali in materja, illi huwa mistenni li s-sewwieq iżomm *a proper lookout* kif mistqarr mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha fejn iccitat din il-gurisprudenza, li l-Qorti a skans ta' repetizzjoni taghmel referenza ghaliha. Dan il-grad ta' vigilanza kien wiehed ferm aktar oneruz fil-kondizzjonijiet li fihom kien qed isuq l-appellant, meta jidher illi ghalkemm kienu kwazi is-sebgha ta' fil-ghodu, madanakollu kien ghadu ma sebahx u ukoll meta l-appellant kien qed isuq fi triq prinċipali u traffikuza. Issa l-Qorti tqies ghal kollox inverosimili dak li jikkontendi l-appellant illi kien dlam cappa u allura l-vizibilita' kienet piuttost wahda offuskata, u dan ghaliex f'dak il-hin

[2] Ara folio 82 mill-Proces Verbal inserit in atti.

ghalkemm jkun ghadu ma sebahx, madanakollu certament jkun ghad hemm vizibilita' cara tenut kont li t-triq hija *a main thouroughfare* u wkoll tinsab vicin lukanda meta l-appellant *di piu* kien qed isuq bid-dwal tal-vettura mixghulin. Illi inoltre jirriżulta mill-*PIRS report* illi allura jirreferi ghal dak irrappurtat mill-ufficjali investigattivi fil-hin tal-incident, illi d-dwal tal-Gvern fit-triq kien ghadu mixgħul. Zgur ghalhekk illi l-appellant kellu vizwali tajba ta' dak li kien qed jigri quddiemu.

Mhux biss izda anki skond dak li saħaq l-appellant stess, il-vittma qassmet min-naħa tal-lemin għax-xellug, fatt illi jirrizulta ukoll mill-provi indizzjarji misjuba fuq il-post fejn it-traċċi tad-demm instabu lejn ix-xellug tat-triq, bħalma fil-fatt instabet il-vittma meta l-pulizija marru sabiex jinvestigaw l-inċident. Dan ifisser illi l-vittma kienet prattikament kważi qasmet it-triq kollha meta ntlaqtet, liema fatt huwa korroborat ukoll mill-ħsarat riskontrati fil-vettura tal-appellant li jikkombaċċjaw mal-lok fejn kienet il-*pedestrian* fil-mument meta' ttajjret. Dan jirrizulta wkoll mill-post fejn waqqfet il-vettura tal-appellant ma'l-impatt. Fil-fatt l-espert Mario Buttigieg jikkonkludi illi l-vittma kienet lahhqet qassmet tlett kwarti tat-triq meta ittajjret mill-vettura tal-appellant. Mhux biss izda il-fatt li instabu *brake marks* fuq il-post tat-tul ta' madwar hames metri, jindikaw illi l-appellant induna bil-persuna fit-triq qabel l-impatt izda dan sehh tard wisq tant illi ma irnexxielux iwaqqaf tempestivament. Illi finalment l-allegazzjoni maghmula mil-appellant illi l-vittma qassmet avventatament ma tohrog minn imkien mill-provi u lanqas jista' jasal ghal din il-konkluzjoni huwa stess billi jghid illi huwa ma rahiex taqsam it-triq qabel l-impatt.

Maghdud dan madanakollu n-negligenza kontributorja tal-vittma xortawahda tirrizulta u dan meta hija ddecidiet taqsam triq principali u traffikuza minghajr ma hadet il-prekawzzjoni li tuza l-istrixxi pedonali li kien hemm ftit 'il boghod f'din it-triq. Fil-fatt jirrizulta illi kien hemm wahda madwar hamsin metru 'il boghod u ohra mal-mitt metru 'il boghod fuq kull naha tal-lok minn fejn ittajjret. Dan maghdud l-appellant m'għandux jiġi eżonerat mir-responsabbilta' kriminali ghalkemm l-*pedestrian* kienet

negliġenti wkoll meta ma qasmitx mill-ebda waħda mill-istrixxi pedonali li kienu viċin tal-post fejn intlaqet u dan ghaliex huwa indubitat illi l-appellant seta' jevita dan l-inċident kieku qagħad iktar attent, aktar u aktar fid-dawl tal-fatt illi Eyesus kienet diġà qasmet parti l-kbira tat-triq meta giet mtajjra. Ma jirrizultax illi kien hemm xi fatturi estraneji li setgħu ikkontribwew għal dan is-sinistru billi l-kundizzjoni tat-triq u l-viżibilta' kienu tajba u b'hekk lanqas ma tista' tirrizulta dik l-emergenza subitanea kif qed jipprospetta l-appellant. Konsegwentement, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment issib ħtija fil-konfront tal-appellant ghall-unika mputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u għaldaqstant l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi fir-rigward tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti, l-appellant isib oggezzjoni b'mod ewlieni ghal fatt illi l-Ewwel Qorti ordnat is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan, apparti li jilmenta ukoll illi l-multa imposta fuqu kienet wahda eċċessiva.

Illi huwa minnu illi l-artikolu 30 tal-Kodici Kriminali iccitat mill-Ewwel Qorti, ghandu applikazzjoni b'mod diskrezzjonarja, bħalma jidher ukoll illi m'hemmx terminu prefiss fil-liġi li fih ghandha tapplika din is-sospensjoni. L-appellant jikkontendi illi l-Qorti ma kellhiex tghaddi beix tissospendielu il-licenzja tas-sewqan tenut kont tal-fatt illi huwa ma giex misjub hati ta' sewqan perikoluż, tant illi meta' seħħ l-impatt hu ma kienx qed isuq b'veloċita' eċċessiva, bħalma ġie kkonfermat ukoll mill-espert Mario Buttigieg, apparti għall-fatt illi kien hemm in-negligenza kontributorja tal-vittma.

Illi l-Qorti madanakollu ma tistax tinjora l-griehi gravi li soffriet il-vittma fejn kien hemm hin li din kienet fil-periklu tal-mewt u li likieku l-appellant saq b'prudenza u attenzjoni dan l-incident seta' gie evitat. Dawn il-fatturi kollha gew mehuda in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti meta giet ghal kalibrazzjoni

tal-piena u allura il-Qorti hija tal-fehma illi gjaladarba l-piena eorgata hija wahda li taqa' fil-parametri tal-ligi u fejn giet erogata dik il-piena alternattiva ghal prigunerija, oltre ghal fatt illi s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan hija ghal perijodu qasir ta' tlett xhur, hija tal-fehma illi din il-piena ma ghandhiex tigi ddisturbata.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appelleta fl-intier taghha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur